

## IL-QORTI ĠENERALI

### Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tal-21 ta Frar 2013 — Evropaiki Dynamiki vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-9/10) <sup>(1)</sup>

*(Kuntratti pubbliċi għal servizzi — Proċedura ta' sejħa għal offerti — Provvista ta' servizzi esterni relatati mal-provvista ta' pubblikazzjonijiet elettroniċi — Ċaħda tal-offerta ta' offerten — Għoti tal-kuntratt lil offerten ieħor — Kriterji ta' selezzjoni u ta' għoti — Obbligu ta' motivazzjoni — Żball manifest ta' evalwazzjoni)*

(2013/C 108/53)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

#### Partijiet

Rikorrenti: Evropaiki Dynamiki — Proġġmena Systimata Tilepi-koinonion Pliroforikis kai Tilematikis AE (Aten, il-Greċja) (rappreżentanti: N. Korogiannakis u M. Dermitzakis, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment E. Manhaeve u N. Bambara, aġenti, assistiti inizjalment minn E. Petritsi, avukat, sussegwentement minn E. Petritsi u O. Graber-Soudry, solicitor, iktar sussegwentement minn E. Manhaeve, assistit minn O. Graber-Soudry)

#### Suġġett

Minn naħa, l-annullament tad-deċiżjoni tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, tad-29 ta Ottubru 2009, sa fejn din tħichad l-offerta magħmula mir-rikorrenti għal-lott Nru 2, intitolat "Pubblikazzjoni elettronika ibbażata fuq Microsoft SharePoint Server", u, b'mod partikolari, sa fejn tagħti l-kuntratti lill-offerenti magħżula, kif ukoll sa fejn tagħti żewġ kuntratti tal-lott Nru 3, intitolat, "Pubblikazzjoni elettronika bbażata fuq pjattaformi b'sors liberu", lil impriża membru ta' żewġ konsorzi differenti, fil-kuntest tal-proċedura ta' sejħa għal offerti AO 10224 dwar il-provvista ta' pubblikazzjonijiet elettroniċi (ĠU 2009/S 109-156511), u min-naħa l-oħra, talba għad-danni mriessqa abbażi tal-Artikoli 268 TFUE u 340 TFUE.

#### Dispożittiv

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) Evropaiki Dynamiki — Proġġmena Systimata Tilepi-koinonion Pliroforikis kai Tilematikis AE hija kkundannata għall-ispejjeż tagħha kif ukoll għal dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.

<sup>(1)</sup> ĠU C 80, 27.03.2010

### Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tas-26 ta' Frar 2013 — Spanja vs Il-Kummissjoni

(Kawża magħquda T-65/10, T-113/10 u T-138/10) <sup>(1)</sup>

*("FEŻR — Tnaqqis ta' għajjnuna finanzjarja — Programmi operattivi li jaqgħu taħt l-Objettiv 1 (1994-1999), 'Andalucía' u 'Komunità ta' Valencia' — Programm operativ li jaqqa' taħt l-Objettiv 2 (1997-1999), 'Pais Vasco' — Estrapolazzjoni")*

(2013/C 108/54)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

#### Partijiet

Rikorrenti: Ir-Renju ta' Spanja (rappreżentanti: inizjalment J. Rodríguez Cárcamo, sussegwentement A. Rubio González, abogados del Estado)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Steiblyté u J. Baquero Cruz, aġenti)

#### Suġġett

Talba għall-annullament imressqa kontra d-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni C(2009) 9270, tat-30 ta' Novembru 2009, C(2009) 10678, tat-23 ta' Diċembru 2009, u C(2010) 337, tat-28 ta' Jannar 2010, li jnaqqsu l-ghajjnuna tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Regionali (FEŻR), mogħtija favur, rispettivament, il-programm operattiv "Andalucía", li jaqqa' taħt l-Objettiv 1 (1994-1999) skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(94) 3456, tad-9 ta' Diċembru 1994, il-programm operattiv "Pais Vasco" li jaqqa' taħt l-Objettiv 2 (1997-1999) skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(1998) 121, tal-5 ta' Frar 1998, u l-programm operattiv "Komunità ta' Valencia" li jaqqa' taħt l-Objettiv 1 (1994-1999) skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(1994) 3043/6, tal-25 ta' Novembru 1994.

#### Dispożittiv

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) Ir-Renju ta' Spanja huwa kkundannat għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 100, 17.04.2010.